# Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 16

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

It-Tlieta 24 ta' Jannar, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, kif ukoll mis-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche.

16.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri b'mod unanimu.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 15 li nżammet nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

16.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, sekondata mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit.

## 16.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Ċerimonja tal-Ftuħ***

16.3.1 Il-President irringrazzja lill-membri kollha li kienu preżenti u tal-parteċipazzjoni tagħhom għal din l-okkazzjoni u talab il-kummenti tagħhom dwar dan.

16.3.2 ***17:52pm – is-Sindku ta' l-Iklina, Dott. Dorian Sciberras, wasal għal din il-laqgħa.***

16.3.3 ***17:54pm – is-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, waslet għal din il-laqgħa.***

16.3.4 Il-membri irrimarkaw kemm l-okkazzjoni kienet waħda tajba u rringrazzjaw kemm lill-President kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol li sar biex kollox imur tajjeb. Qalu wkoll kif kien hemm preżenza sabieħa minn diversi kunsilliera fi ħdan il-Kunsill Reġjonali.

16.3.5 Is-Sur Chircop qal ukoll kemm apprezza l-fatt li kien hemm kemm President Reġjonali tal-Punent kif ukoll lis-Segretarji Eżekuttivi kemm mill-Kunsilli Reġjonali oħra kif ukoll mill-Kunsilli Lokali.

16.3.6 Is-Sur Chircop irrimarka dwar l-*isponsors.* Hu ħeġġeġ lill-membri sabiex jieħdu l-eżempju tas-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, sabiex javviċinaw kumpaniji li jinsabu fil-lokalitajiet ta' dan ir-Reġjun sabiex jgħinu fl-*isponsorships.*

16.3.7 Il-membri preżenti qablu sabiex kull *sponsor* għandu jkun mgħoddi lir-Reġjun sabiex skond l-ammont miġbur ikunu jistgħu jsiru l-avvenimenti sportivi.

16.3.8 Waqt il-laqgħa inżammet diskussjoni bejn il-membri dwar l-koordinatur li ġie mqabbad minn dan ir-Reġjun sabiex isir il-koordinament neċessarju għal dan il-programm sportiv. Kien hemm qbil ukoll li għandu jintalab rapport tax-xogħol li qed isir matul dak ix-xahar.

16.3.9 Wara din id-diskussjoni, il-President talab sabiex naraw kif ix-xogħol ser ikun matul ix-xahar li ġej u Sadanittant jara li l-bord jiltaqà u jompli jiddiskuti dwar kif ser jgħalaq il-programm kif ukoll il-koordinament ta' dawn l-avvenimenti ser ikun qed jaħdam.

16.3.10 Inħass li hemm disapprovazjoni mill-membri preżenti dwar is-servizz li qed jingħata minn dan il-koordinatur pero l-President irrakomanda li ser jingħata ċans matul ix-xahar li ġej u dan is-suġġett jerġa jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

16.3.11 Il-President talab sabiex issir waqfa minn dan il-punt u tiġi mistiedna l-Accountant tar-Reġjun, is-Sa Romina Perici Ferrante u naqbżu għall-*item* numru 16.5 sabiex jiġu ppreżentati r-rapporti.

16.3.12 Il-membri qablu dwar dan u għal din ir-raġuni, il-President stieden lis-Sa Perici Ferranti sabiex tagħti spjegazzjoni dettaljata dwar iż-żewġ rapporti li kienu ġew ippreparati.

## 16.5 Rapporti – *Financial Statements as at 31/12/2022* u *Financial Indicatiros for Q4 2022*

16.5.1 Is-Sra Perici Ferrante tat spjegazzjoni dettaljata dwar iż-żewġ rapporti finanzjarji.

16.5.2 Il-membri preżenti approvaw dawn iż-żewġ rapporti b'mod unanimu.

16.5.3 Il-President irringrazzja lis-Sa Romina Perici Ferrante ta' din l-ispjegazzjoni u talab lill-membri sabiex il-laqgħa tkun tistà titkompla bl-aħħar ftit minuti li kien għadu jonqos li jiġu diskussa f'punt numru 16.3

## 16.3 Komunikazzjoni mill-President *(kontinwazzjoni)*

- ***Mobile Library***

16.3.11 Il-President għamel referenza għall-applikazzjoni li dan ir-Reġjun kien issottometta lejn tmiem is-sena 2022 għal fondi mgħotija mill-Aġenzija LESA.

16.3.12 Is-Sur Chircop spjega kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ġew mistiedna biex jattendu konferenza nhar il-Ħamis 5 ta' Jannar 2023 fl-Imtarfa sabiex jiġu mħabbra l-proġetti li kienu ġew mgħażula taħt din is-sejħa.

16.3.13 Is-Sur Chircop żied jgħid kif f'din il-konferenza ġejna nfurmati li din l-applikazzjoni kienet ġiet approvata u għal din ir-raġuni l-proġett sabiex dan ir-Reġjun jixtri van imdaqqas ta' l-elettriku sabiex iservi ta' *mobile library*. Dan ir-Reġjun ser jingħata l-ammont ta' €80,000.

16.3.14 Il-membri preżenti ħadu gost b'din l-aħbar.

- ***Laqgħa ma' l-Onor. Alison Zerafa Civelli***

16.3.15 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet ma' l-Onor. nhar it-Tnejn 16 ta' Jannar 2023 sabiex jiġu diskussa l-possibiltà li jkun hemm għajnuna mill-Gvern Lokali lejn it-titlu, 'Reġjun Ewropew ta' l-Isports għas-sena 2023', kif ukoll sabiex tiġi diskussa l-problema ta l-uffiċċini tar-Reġjun.

16.3.16 Is-Sur Chircop spjega li l-Onor. flimkien ma' SportMalta ser ikun qed jgħatuna l-għajnuna billi jiġu provduti *coaches* sabiex isir programm sportive fit-tnax-il lokalità tar-Reġjun.

16.3.17 Is-Sur Chircop talab sabiex l-Onor. tagħmel l-intervent tagħha dwar ir-risposta li dan ir-Reġjun ġie mgħoti mingħand il-Ministru Aaron Farrugia dwar it-talba għas-sit ġewwa Pembroke.

16.3.18 Is-Sur Chircop spjega kif wara li dan ir-Reġjun ġie mitlub fuq l-ispejjeż marbutin mal-kirjiet li dan ir-Reġjun fil-preżent, dan ir-Reġjun ġie nfurmat li mhux ser ikun jistà jgħati dan is-sit peress li għandhom proġett f'moħħhom.

16.3.19 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif din id-deċiżjoni kienet ġiet imressqa mas-Segretarju Parlamentari sabiex din tiġi diskussa mal-Prim Ministru. Dwar dan ir-Reġjun għadu qed jistenna risposta.

16.3.20 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, ssuġġeriet is-sit li qabel kien sptar li fil-preżent huwa mitluq u magħluq.

16.3.21 Is-Sur Max Zammit qal li dan ir-Reġjun għandu jkun hemm żewġ strateġiji, wieħed li r-Reġjun jibqà jfittex post li jistà jkun tal-Gvern kif ukoll jinstab post b'kirja mis-settur privat.

16.3.22 Il-President issuġġerixxa li jekk dan ir-Reġjun ser iħares lejn is-settur privat, dan ir-Reġjun m'għandux jixtri post imma jinkera.

16.3.23 Is-Sur Max Zammit issuġġerixxa li r-Reġjun għandhu jressaq pjan konret sabiex l-Gvern Lokali jgħati allokazzjoni akbar sabiex fil-baġit għall-2024 jingħata aktar mill-kumplament biex ir-Reġjun ikun jistà jgħamel dawn l-ispejjeż.

16.3.24 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri kif meta r-Reġjun żdiedu minn ħamsa għal sitta, l-ammont ta' l-allokazzjoni naqas peress li t-total li kien jinqasam bejn ħamsa, illum qed jiġi maqsum bejn sitta.

16.3.25 Il-membri ressqu siti oħra li jistgħu jkunu kkunsidrati bħala binja tar-Reġjun u dawn ġew diskussa bejn il-membri preżenti.

16.3.26 Is-Sur Chircop qal kif aġġornament dwar dan ser jingħata aktar 'il quddiem.

16.3.27 ***19:20pm – is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

- *Laqgħa mal-President ta' Malta*

16.3.28 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet ma' l-Eċċellenza George Vella nhar l-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023 sabiex issir preżentazzjoni bid-dokumenti li ġew ippublikati minn dan ir-Reġjun - Bolol Reġjonali.

16.3.29 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti miegħu l-Viċi President, is-Sur Max Zammit, is-Segretarji Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa Jeanette Galea, kif ukoll il-Maniġer ta' l-Ambjent tar-Reġjun, is-Sa Andrea Borg Brincat.

16.3.40 Is-Sur Chircop qal ukoll kif din il-laqgħa serviet ukoll biex jiġu diskussi diversi proġetti li saru u li qed isiru minn dan ir-Reġjun.

## 16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

16.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 16.6 Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart Domestiku tar-Reġjun Lvant

16.6.1 Il-President fakkar lill-membri dwar il-preparazzjoni li saret mill-uffiċċju sabiex ġew ippreparati *flyers* bl-informazzjoni meħtieġa għal kull Kunsill Lokali kif ukoll kalendarju fejn ġie mqassam lill-Kunsill Lokali matul il-ġimgħa li għaddiet.

16.6.2 Is-Sur Chircop ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex dawn il-kalendarji jiġu mqassma lir-residenti sabiex jgħinuhom jimxu ma' l-iskeda l-ġdida tal-ġbir ta' skart.

16.6.3 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 11 ta' Jannar 2023 fejn għaliha kienu preżenti s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea, flimkien mal-Waste Manager, is-Sur Ryan Zammit.

16.6.4 Is-Sur Chircop spjega kif din il-laqgħa kienet ġiet imsejħa mid-Diviżjoni fejn ingħataw informazzjoni mis-Sur Daniel Jacob Tabone (Wasteserv) dwar il-kollaborazzjoni li jrid ikun hemm bejn ir-Reġjuni u l-Wasteserv. F'din il-laqgħa tkellmu dwar ir-rapporti li ser ikunu qed jipprovdu l-Wasteserv u l-invoices li jridu jsiru – *Gate Fee invoice (Tipping fees)* u l-invoice li trid inħarġ mir-Reġjun lill-Wasteserv fuq l-iskart organiku.

15.5.5 Il-President kompla jgħid lill-membri kif l-għada, il-Ħamis 12 ta' Jannar 2023, ġiet imsejħa laqgħa oħra mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn kien hemm preżenti s-Segretarju Permanenti, Joyce Dimech, id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, id-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Chris Galea, flimkien mal-Presidenti, Segretarji Eżekuttivi u l-Waste Managers tar-Reġjuni.

16.6.6 Is-Sur Chircop spjega kif f'din il-laqgħa ġew indirizzati diversi problemi li qed ikun hemm dwar il-ġbir ta' l-iskart bl-iskeda ġdida.

16.6.7 Il-membri preżenti kellhom diskussjoni fid-dettal dwar diversi problemi li qed jinqalaw dwar il-ġbir ta' l-iskart fejn jidħlu negozzji żgħar u postijiet oħra li mhumiex ikkunsidrata bħala 'household' u li fil-preżenti m'għandhomx kuntratt ma' kollettur privat.

16.6.8 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa oħra li nżammet fuq talba minn dan ir-Reġjun mas-Sur Ramon Deguara nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar fejn ġiet diskussa l proġett ta żewġ strutturi ta' l-injam li ġiet ippreparata minn mastrudaxxa bil-ħsieb li dawn iż-żewġ strutturi jibdew jintużaw fl-avvenimenti tal-Kunsilli Lokali biex l-iskart jiġi mgħormi b'mod korrett.

16.6.9 ***19:30pm – Il-Viċi Sindku ta' San Ġilajn, is-Sur Clayton Luke Mula, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

16.6.10 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif mill-att amministrattiv l-Uffiċċjal Maniġerjali, Ryan Zammit, issa għandu linja tal-mobile diretta kif ukoll linja diretta fl-uffiċċju sabiex kull problema relatata ma' dan is-suġġett tasal għandu u ma tiddisurbax il-kumplament ta' l-uffiċċju.

16.6.11 *19:43pm - Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanna Debono Grech, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

## 16.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq il-pożizzjoni ta' Clerk mal-Kunsill Reġjonali Lvant*

16.7.1 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tnejn 2 ta' Jannar 2023, is-Segretarju Eżekuttiv kienet irċiviet lista ta' applikanti mingħand Jobsplus li huma eleġibli għal din il-pożozzjoni.

16.7.2 Is-Sur Chircop spjega kif peress li sad-data ta' l-għeluq tat-12 ta' Jannar 2023, dan ir-Reġjun kien irċieva ħames applikazzjonijiet, is-Sa Galea sejħet lill dawn l-applikanti għal intervista li nżammet nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2023.

16.7.3 Il-Bord kompost mill-President flimkien mas-Sindku ta' Ħal Lija, Anthony Dalli, u s-Sindku ta' tas-Sliema, John Pillow, u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu fl-uffiċċju amministrattiv sabiex jinżammu dawn lintervisti.

16.7.4 Il-President informa lill-membri kif fl-opinjoni tal-bord, l-ebda kandidat preżenti ma kien adekwat għal din il-pożizzjoni u għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Jobsplus b'din id-deċiżjoni u sabiex ikun jistà jitkompla l-proċess.

16.7.5 Il-membri preżenti approvaw din id-deċiżjoni.

- *Uffiċjali Reġjonali*

16.7.6 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard, sabiex ir-Reġjuni jkunu jistgħu joħorġu s-sejħa esterna tal-kumplament tal-maniġers li għad ma hemmx f'dan ir-Reġjun.

16.7.7 Madanakollu hu spjega wkoll kif f'din il-komunikazzjoni qal li l-pożizzjoni tal-Maniġer tal-Kultura għalissa trid tinżamm pendenti peress li l-ewwel trid tiġi konkluża l-aħħar sejħa li kienet inħarġet mill-SPI.

16.7.8 Is-Sur Chircop spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tipprepara dawn is-sejħiet fil-ġranet li ġejjin.

- *Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant*

16.7.9 Il-President spjega kif peress li ma kien hemm ebda applikazzjoni mis-sejħa interna, Jobsplus provdew lista ta' applikanti elegibbli u dan ir-Reġjun irċieva applikazzjoni waħda sad-data ta' l-għeluq. Għal din ir-raġuni jeanette infurmat lil Jobsplus dwar dan sabiex jitkompla il-proċess xorta waħda peress li l-applikant ma setax jiġi għall-intervista aktar kmieni illum. B'hekk tkun tista issirlu l-intervista ma applikanti oħra.

16.7.10 Aġġornament dwar din il-pożizzjoni ser tingħata fil-laqgħa li jmiss peress li dan ir-Reġjun kien qed jistenna mingħand Jobsplus sabiex ikun jistà jipproċedi b'din is-sejħa.

- *Accounts Officer (Scale 11 – Full Time)*

15.7.11 B'referenza għal din is-sejħa, is-Sur Chircop spjega kif peress li ma kien hemm ebda applikazzjoni mis-sejħa interna, Jobsplus provdew lista ta' applikanti elegibbli lil dan ir-Reġjun u taw l-awtorizzazzjoni sabiex din is-sejħa tinħareġ b'mod estern.

16.7.12 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni din is-sejħa ġiet ippublikata u data ta' l-għeluq kienet sa nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2023. Għal din ir-raġuni, aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 16.8 Performance Appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Impjegati għas-sena 2022

16.8.1 B'referenza għad-Direttiva numru 1/2023 – Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv, il-President ressaq fuq il-mejda r-rapport li kien ġie ppreparat minnu u diskuss mas-Segretarju Eżekuttiv

16.8.2 Il-membri approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu u rringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv għax-xogħol kollu li tagħmel lejn dan ir-Reġjun.

16.8.3 Il-President ressaq fuq il-mejda r-rapporti li kienu ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv fuq l-impjegati fi ħdan ir-Reġjun.

16.8.4 Dawn ir-rapporti ġew approvati b'mod unanimu mill-membri preżenti.

## 16.9 Reġjun tal-Kultura 2024

16.9.1 Il-President għamel referenza għal dan it-titlu li ser ikun qed jingħata lil dan ir-Reġjun fis-sena 2024.

16.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri dwar ir-riżenja li kien hemm ġewwa Arts Council Malta mill-Uffiċjal Kulturali li kienet ingaġġata magħhom sabiex tagħti l-għajnuna tagħha lir-Reġjuni.

16.9.3 Is-Sa Galea spjegat lill-membri li dan ir-Reġjun għandu jaħtar bord għal dan u jibda jsir ix-xogħol neċessarju sabiex jinżamm programm adekwat fis-sena 2024 b'mod speċjali peress li dan ir-Reġjun għad m'ghandux Maniġer tal-Kultura.

16.9.4 Il-President fakkar li għal dan it-titlu ser ikun hemm fond ta' €250,000 fejn €50,000 ser ikun qed jingħata sabiex ir-Reġjun jingaġġa Direttur Artistiku.

16.9.5 Il-membri preżenti qablu sabiex dan is-suġġett jiġi diskuss aktar fid-dettal fil-laqgħa li jmiss peress li kien diġa sar ħafna ħin u maġġoranza tal-membri ma setgħux jibqgħu għal din il-laqgħa.

## 16.10 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega.

- *Servizz ta' Mechanical Engineer*

16.10.1 B'referenza għal din is-sejħa l-President informa lill-membri kif il-kuntrattur approva mis-sistema u dan ser ikun qed jibda jingħata dan is-servizz.

- *Malta Cooperative Federation*

16.10.2 B'referenza għal dan is-suġġett, il-President fakkar lill-membri kif nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2022 inżammet laqgħa bejn il-bord kompost mill-President flimkien mas-Sindku ta l-Iklin, Dorian Sciberras, u s-Segretarju Eżekuttiv mar-rappreżentanti ta din il-kooperazzjoni, is-Sur John Mallia, u is-Sur Victor Fiorini. Waqt din il-laqgħa ġiet diskussa l-idea li jkun hemm kooperattiva li tgħin waqt il-ħinijiet li t-tfal ikunu deħlin u ħerġin mill-iskejjel. Għal din ir-raġuni ġejna mitluba nressqu mill-inqas ħames persuni.

16.10.3 Kien hemm diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti u dwar dan ser tkun qed tintbagħat komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali mis-Segretarju Eżekuttiv.

- *Fond għall-Ippjanar tal-Iżvilupp*

16.10.4 Hekk kif kien ġie approvat fil-laqgħa preċedenti ta' dan ir-Reġjun, il-president informa lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet sabiex tinżamm laqgħa ma' l-Onor. Stefan Zrinzo dwar il-ħlas li kull Kunsill Lokali jrid jgħamel meta tiġi ppreparata applikazzjoni taħt dan il-fond.

16.10.5 Is-Sur Chircop spjega kif aktar kmieni dakinhar dan ir-Reġjun ġie nfurmat li ser ikun qed jgħamel kuntatt magħna biex tinżamm laqgħa miegħu. Aktar dettalji dwar dan jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

- *Cir AKL 2023/008 - International Epilepsy Day February 13, 2023*

16.10.6 B'referenza għal din iċ-ċirkulari mibgħuta mill-AKL, il-President spjega kif dan ir-Reġjun ser ikun qed jixgħel il-faċċata ta' l-uffiċċju amministrattiv bil-kulur vjola mis-Sibt 11 ta' Frar u t-Tnejn 13 ta' Frar 2023.

16.10.7 Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex jipparteċipaw f'din l-inizjattiva wkoll.

- *Applikazzjoni tat-Teleworking*

16.10.8 Il-President ressaq fuq il-mejda l-applikazzjoni sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tkun tistà iġġedded din l-applikazzjoni.

16.10.9 Il-membri preżenti approvaw din l-applikazzjoni b'mod unanimu.

- *Rapporti mingħand l-Uffiċjali Maniġerjali*

16.10.10 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet rapporti li kienu qed jiġu ppreżentati f'isem l-Uffiċjali Maniġerjali fejn kien hemm spjegat ix-xogħol li sar matul l-aħħar tliet xhur tas-sena 2022.

16.10.11 Dawn ir-rapporti ġew approvati mill-membri preżenti.

- *Innovative Technology in Local Communities Scheme*

16.10.12 B'referenza għal din l-iskema, il-President spjega kif dan i-Reġjun kien applika pero nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru 2022 dan ir-Reġjun kien ġie infurmat li din l-applikazzjoni ma kienitx approvata.

16.10.13 Il-President ħeġġeġ lill-membri jaħsbu fi proġetti oħra jistgħu jsiru bħala Reġjun sabiex ġalardarba jkun hemm applikazzjoni oħra, dan ir-Reġjun ikun jistà japplika.

- *SPI/SCI/10/2022 L-iskema tal-latrini pubbliċi*

16.10.14 B'referenza għal din l-iskema, il-President spjega kif dan il-proġett ser tkun qed tieħu ħsiebu l-Maniger ta' l-Ambjent, Andrea Borg Brincat, u kif qed jiġi propost li l-Kunsilli Lokali għandu jissottometti t-talba tiegħu lejn din l-iskema flimkien mad-dokumenti meħtieġa:

- Skeċċ/pjan tal-konvenjenza pubblika attwali.
- Skeċċ/pjanta tal-konvenjenza pubblika ppjanata.
- Kwotazzjonijiet għax-xogħlijiet u l-manutenzjoni kollha.
- Ċertifikat minn perit jew Ċivili/Inġinier (skond il-bidliet li jridu jsiru).

16.10.15 Is-Sa Borg Brincat issuġġeriet sabiex dawn l-applikazzjonijiet jiġu evalwati minn bord fejn qed jigi issuġġerit li dan il-bord ikun kompost mill-President, Environmental Manager, Projects Manager and Cleansing and Maintenance Division Representative, is-Sur Ramon Deguara.

- *Applikazzjoni mar-Reġjun fin-Normandija*

16.10.16 Il-President ressaq fuq il-mejda komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn qed jitolbu għal *partner* ma' dan ir-Reġjun kif ukoll talba mis-Sur Omar Elaref Arab fejn staqsa jekk dan ir-Reġjun għandux jikkunsidra din it-talba.

16.10.17 Il-President faħħar din l-inizjattiva pero fil-preżent dan ir-Reġjun qiegħed diġa mgħobbi b'ħafna proġetti u nkunu qed nidħlu f'aktar responsabilità li ma nkunux nifilħu għaliha.

16.10.18 Madanakollu s-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk ikun hemm xi għajnuna mill-membri dwar din l-applikazzjoni

- *Kunsill Lokali Gżira*

16.10.19 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex ikollu estensjoni fid-data ta' l-għeluq biex jissottometti d-dokumenti relatati ma' l-għajnuna finanzjarja mingħand dan ir-Reġjun.

16.10.20 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, jekk mhux żbaljata, ma kienx hemm applikazzjonijiet mingħand dan il-Kunsill Lokali.

16.10.21 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti kien hemm deċiżjoni mill-membri preżenti sabiex jingħataw xahar ieħor ċans sabiex dawn id-dokumenti jiġu ssottometti u għandu jkun hemm *commitment* ċara dwar il-proġett li ser ikun qed jinżamm.

16.10.22 Il-President informa lill-membri li wara li kulħadd ingħata spjegazzjoni dettaljata dwar il-pożizzjoni finanzjarja tar-Reġjun, is-Sur Chircop qal kif ser ikun qed isejjaħ laqgħa mal-membri tal-bord sabiex jiġi diskussa din il-pożizzjoni u kif l-aħjar li jinħarġu skema finanzjarji biex tingħata għajnuna lill-Kunsilli Lokali.

## 16.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

16.11.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

16.11.2 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, sekondat mis-Sindku tal-Għargħur, is-Sa. Helen Gauci, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 13A u 13B.

16.11.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 16.12 Mozzjonijiet

16.12.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 16.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

16.13.1 Il-laqgħa intemmet fis-20:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 27 ta' Frar, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |